MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 279/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. C. Cordina)**
**Vs**
**Angelo Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :-

1. fit-23 ta’ Frar, 2006, ghall-habta tal-11.00 a.m., il-kwerelat, biex jezercita jedd li jippretendi illi huwa ghandu, qabad u qala’ xatba tal-hadid illi kienet imwahhla fl-entratura ta’ triq privata illi tizbokka fi Triq Gdida fi Triq San Mikiel, maghrufa wkoll bhala Triq Espedito Deguara, Zurrieq, u dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fil-25 ta’ Frar, 2006, ghall-habta tad-9.30 a.m., il-kwerelat, biex jezercita jedd li jippretendi illi huwa ghandu, qabad u qala’ tabella li kellha fuqha l-kliem “Propjeta’ Privata Tidholx”, illi kienet imwahhla fl-entratura ta’ triq

privata li tizbokka fi Triq Gdida fi Triq San Mikiel maghrufa wkoll bhala Triq Espedito Deguara, Zurrieq, u dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fis-27 ta' Frar, 2006, ghall-habta tad-9.30 a.m., il-kwerelat, biex jezercita jedd li jippretendi illi huwa ghandu, qabad u zarma l-koxxa tal-gebel (tan-naha tax-xellug meta qed thares lejha mill-faccata), tal-entratura ta' triq privata illi tizbokka fi Triq Gdida fi Triq San Mikiel maghrufa wkoll bhala Triq Espedito Deguara, Zurrieq, u dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fit-28 ta' Frar, 2006, ghall-habta tas-2.30 p.m, il-kwerelat, biex jezercita jedd li jippretendi illi huwa ghandu, qabad u qala' tabella li kellha fuqha l-kliem "Propjeta' Privata Tidholx", illi kienet imwahhla fl-entratura ta' triq privata illi tizbokka fi Triq Gdida fi Triq San Mikiel, maghrufa wkoll bhala Triq Espedito Deguara, Zurrieq, u dan bi ksur tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 t'Ottubru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 17 u 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuza migjuba fil-konfront tieghu w ikkundannatu multa ta' tlett mitt Euro (€300), w illiberatu mir-raba' akkuza.
B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat lill-appellant sabiex sa zmien sitt xhur ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf, hames mija w tlettax-il Euro u tnejn u ghoxrin Euro centezmi (€1513.22) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 t'Ottubru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni w it-tielet akkuza w tilliberah minn dawn l-akkuzi w minn kull piena – inkluz li jhallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert – u tikkonfermaha fejn illiberatu mir-raba' akkuza.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li s-sentenza appellata hija nulla ghax ma fihiex motivazzjoni ghajr li rrizultat il-htija. 2. Li l-elementi mehtiega ghar-reat ta' *ragion fattasi* huma neqsa. 3. L-ewwel element nieqes huwa dak li jirrikjedi li terz jigi spoljat minn haga li jkun qed gawdi. Hu minnu li qabel ma sar il-kuntratt bejn l-appellant u l-kwerelant Camilleri tas-17 ta' Gunju, 2005, in atti Nutar Mario Bugeja, dan tal-ahhar kellu l-pussess tar-raba imma, wara li sar il-kuntratt, bicca minn dar-raba gie konvertit f' passagg li jwassal mit-triq pubblika ghall-proprjeta' tal-appellant. Ghalhekk bil-qlugh tax-xatba temporanja ebda terz ma gie spoljat minn haga li kien igawdi. Anzi il-qlugh tax-xatba kien konformi mal-obbligi miftehma w cioe' li ebda parti ma setghet tingombra l-passagg. Bit-tnehhija tax-xatba, mhux talli l-appellant ma fixklux fil-pussess tal-haga lill-Camilleri anzi irrejintegrah fil-pussess shih tal-passagg minghajr l-bzonn li jiftah jew jaghalaq katnazzi. 4. It-tieni element nieqes hu l-kredenza li l-att kien qed isir b' ezercizzju ta' dritt u it-tielet hu li l-agent ikun koxjenti li qed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika. F' dan il-kaz ma kienx kaz ta' "kredenza" ta' dritt mma ta' dritt shih li diga' kien ghadda f' idejn l-appellant in forza tal-kuntratt fuq imsemmi meta l-pussess tal-passagg kien ghadda ghand l-appellant. Kif qieghed ix-xatba skond il-ftehim, l-appellant nehhiha a tenur tal-istess ftehim. Lill-kwerelant ma ziedlu jew naqqaslu ebda pussess tal-ftehim bir-rimozzjoni tax-xatba w ma kien hemm bzonn ebda intervent tal-awtorita' pubblika biex jaghmel dan. Ir-raba w l-ahhar element huwa n-nuqqas ta' titolu. Issa l-appellant kien hallas LM6000 appuntu biex hu w l-aventi kawza tieghu ikollhom access liberu w perpetwu tal-passagg in kwistjoni. Kien il-kwerelant li kien qed jikser il-ftehim kuntrattwali billi jimbarralu il-passagg liberu b' tankijiet mimlijin bil-gebel. 6. It-tabella giet imwahhla mall-hajt mill-kwerelant Camilleri illegalment u kienet qed itellef lill-appellant mil-biegh tal-appartamenti minnu mibjugha billi tipprojbixxi d-dhul ghall-

istess flats. Wara li din tnehhiet, il-kwerelant qieghed it-tankijiet bil-gebel li ghadhom hemm sal-lum.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi kollha jinsabu traskritti fil-process peress li saru seduti w accessi mill-espert perit arkitett nominat mill-Ewwel Qorti w dawn jinsabu sintetizzati fir-relazzjoni tieghu a fol.30 et seq. flimkien ma serje ta' fotografiji li jillustraw il-pozizzjoni tal-passagg u issa wkoll tat-tankijiet mimlijin bil-gebel li qed jimpedixxu l-access.

L-isfond storiku ta' din il-vertenza jirrisali ghall-meta l-appellant kien xtara bicc' art fiz-Zurrieq li fiha ried jibni xi appartamenti w peress li l-isqaq li minnu wiehed seta' jidhol ghal dan is-sit kien dejjaq, hu kien avvicina lill-Anthony Camilleri biex jakkwista access alternattiv minn band' ohra w cioe' minn fuq l-art tal-istess Camilleri. Kien intlahaq ftehim u sar kuntratt fis-17 ta' Gunju, 2005 in atti Nutar Mario Bugeja (Dok. AM  a fols 158-159) li bih "*inter alia*" il-konjugi Anthony u Carmela Camilleri kienu taw lill-appellant u martu : *"dritt ta' passagg liberu w perpetwu bir-rigel u b' kull tip ta' vettura minn fuq porzjoni ta' art tal-kejl ta' ghoxrin pied (20') ossia sitt metri, b' hamsin metri ossia tal-kejl il-parti li minnha ser ikun hemm access ta' cirka tlitt mitt metru kwadru".* Kien gie miftiehem ukoll li l-konjugi Micallef u l-aventi kawza taghhom bl-ebda mod ma jistghu jingumbraw l-istess triq u li l-konjugi Camilleri bl-ebda mod ma setghu jingumbraw il-parti li fuqha taw access liberu w in perpetwu a favur tal-konjugi Micallef.  Umbaghad il-partijiet qablu : "*<u>li tista' ssir gate</u> int u diehel fil-parti fuq deskritta li minnha ser jibda l-passagg."*  (sottolinar ta' din il-Qorti.)

Fil-fatt saret xatba li kienet - skond l-appellant u martu - intiza l-aktar ghas-sikurta' tal-makkinarju waqt li kien qed isir ix-xoghol ta' bini fuq il-blokk appartamenti in kwistjoni.

L-appellant kien ta' kopja tac-cavetta tax-xatba lill-Anthony Camilleri . Meta x-xoghol tal-bini spicca, l-appellant qala x-xatba w il-koxxa li maghhja kienet qed taqbad ix-xatba. Meta l-bini tlesta sal-istadju ta' *"shell"* u l-appellant beda' jaghti appuntamenti lil xerrejja prospettivi, Joseph Camilleri ghamel tabella bl-ittri "PROPRJETA' PRIVATA TIDHOLX" u l-appellant *ex admissis* qala' din it-tabella.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant instab hati tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right". Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu 85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-

*"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....."* (Ara Prof. Sir Anthony Mamo -
Notes on Criminal Law" (1958 edit.), Parti Speciali - Vol. II)

Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' l-appell kriminali fil-kawza **" Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. "** (App. Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-

a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .

Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li

jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.

Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-**CARRARA** (Prog. Parte Speciale, Vol.5, para. 2850 :-

*"L' atto esterno deve privare l' altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale ."*

Ikkonsidrat;

Issa fil-kaz in ezami, ma hemmx dubju li l-appellant kellu id-dritt li jgawdi il-passagg liberu minn fuq il-bicc' art li kien akkwista min ghand il-kwerelant Camilleri biex ikollu access ghall-apartamenti li kien qed jizviluppa. Jirrizulta ukoll li l-obbligi reciproci li assumew kemm l-appellant kif ukoll il-kwerelant u r-rispettivi zwieghom kien li bl- ebda mod ma jingumbraw il-passagg lil xulxin. It-twahhil ta' xatba kienet biss fakoltattiva w din il-fakolta' jidher li giet ezercitata mill-appellant b' dan li nghatat kopja tac-cavetta lil Camilleri. L-inkwiet inqala' meta l-appellant nehha din ix-xatba. Ma tissemma' ebda tabella fil-kuntratt.

Illi din il-Qorti taqbel li la l-*gate* kienet ozzjoni fakoltattiva w la din tpoggiet hemm mill-appellant, setghet liberament titnehha minnu w li meta nehha x-xatba b' ebda mod ma gie li fixkel lill-kwerelant f' xi dritt li rrizerva ghalih meta, versu l-korrispettiv ta' Lm6000, ikkonceda d-dritt ta' passagg lill-appellant u martu. Per ezempju, ma rrizervawx id-dritt li jipprotegu l-art taghhom adjacenti billi

jaghmlu xatba. Jidher li x-xatba, jekk kienet ser issir, kienet ser issir a beneficcju tal-appellant biex jipprotegi l-ingenji tieghu waqt li kien ser ikun tiela' l-bini.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, meta l-appellant qala' ix-xatba li kien wahhal hu stess ma kienx qed ifixkel jew jingombra l-parti li fuqha hu kien inghata id-dritt ta' passagg, anzi jekk xejn, kien qed inaqqas kull inkonvenjent li dak li jkun irid joqghod jiftah u jaghalaq ix-xatba biex jidhol u johrog. Ghalhekk fir-rigward tal-qlugh tax-xatba mill-appellant ma kienx jissussisti r-reat in dizamina.

Dan pero' ma japplikax ukoll ghat-tnehhija tal-koxxa jew pilastru tal-gebel li kien hemm fid-dahla tal-passagg billi din tirrizulta li kienet hemm minn dejjem u fil-kuntratt l-appellant ma nghata ebda permess li jaqlaghha. Hawn kien qieghed jagixxi zgur oltre dak li kien akkwista fil-kuntratt u ghalkemm il-*gate* kienet tieghu, l-pilastru tal-gebel li kienet imqabbda mieghu ma jirrizultax li kien tieghu. Ergo ma setax inehhieh minghajr il-kunsens u l-beneplacitu ta' sidu.

Ghalhekk, ghalkemm l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax pruvata w l-appellant ghandu jigi liberat minnha, mhux l-istess ghat-tielet imputazzjoni .

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda il-qlugh fil-25 ta' Frar, 2006, tat-tabella bil-kliem: "Proprjeta' Privata tidholx." li l-kwerelant kien wahhal fid-dahla tal-passagg.

Anki hawn, jekk stess l-appellant jikkontendi li ta' Camilleri ma kellhomx dritt li jwahhlu din it-tabella *"in the first place"*, ghax kienet qed tmur kontra l-ittra u/jew l-ispirtu tal-ftehim kuntrattwali bejnu w bejn il-konjugi Camilleri, li kien jiggarantixxi li l-passagg ma jigix ingumbrat, jekk stess ta' Camilleri kienu qed jabbuzaw meta wahhlu din it-tabella, hu ma setax jiehu l-ligi b' idejh u jaqbad u jnehhiha ghaliex hekk gie li ezercita *di privato braccio* dritt li ppretenda li kellu minghajr ma rrikorra ghall-awtorita' gjudizzjali biex jottjeni r-rimedju *"ope magisterium".* Ghalhekk it-tieni imputazzjoni ukoll tirrizultaw pruvata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni w it-tielet imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, w fejn ma sabitux hati tar-raba' imputazzjoni w illiberatu minnha, tirrevokaha fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w fejn ikkundannatu ghall-multa ta' tlitt mitt Ewro kif ukoll fejn ikkundannatu ihallas fi zmien sitt xhur lir-Registratur tal-Qorti somma ta' elf, hames mija u tlittax il-Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz u minnflok ma ssibx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w minnha tilliberah u tikkundannah multa ta' mitejn Ewro u tordnalu li jhallas lir-Registratur tal-Qorti biss is-somma ta' seba mija w sitta w hamsin Ewro u sitta w sittin centezmu , li jirraprezentaw biss nofs l-istess spejjez u dan stante li hu gie liberat minn tnejn mill-erba imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------